**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-17 ta' Novembru 2021**

**Rik. Gur. Nru.: 287/2018 JPG**
**Kawza Numru : 13**

**YM**

**Vs**

**U b'digriet tal-10 ta' Dicembru 2018 giet nominata Dr Fransina Abela bhala Kuratur Deputat biex tirrapresenta lil BBSBABBH maghruf ukoll bhala HB assenti minn Malta.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' YM, datat 7 ta' Novembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-kontendenti zzewgu fl-17 ta' Mejju 2017, u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.*

*Illi l-imsemmi konvenut, BH rrenda ruhu hati lejn l-attrici b'eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi tal-parti l-ohra kontra l-attrici, u peress illi l-hajja flimkien m'ghandhiex possibbli ghax iz-zwieg tkisser irremedjabilment.*

*Illi l-konvenut sahansitra abbanduna d-dar matrimonjali u naqas mill-obbligi*

*matrimonjali.*

*Illi b'hekk jezisti r-rewiziti necessarji sabiex il-kontendenti jisseparaw minn ma xulxin.*

*Illi il-medjazzjoni bejn il-partijiet ma waslet imkien, ghax il-konvenut lanqas biss indenja ruhu jattendi ghalkemm kien ghadu Malta u kien debitament ingunt, kif jirrizulta ukoll mid-digriet hawn anness u mmarkat bhala Dok A.*

*Jghid il-konvenut prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali ad mensa et thoro, bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli ghall-konvenut;*

*Bl-ispejjez kollha, komprizi dawk tal-proceduri tal-medjazzjoni kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-avukat Fransina Abela datata 25 ta' Jannar 2019, a fol 26 li taqra hekk:

1. *Illi hija r-rikorrenti li ghandha l-piz tal-prova u cioe illi trid tkun ir-rikorrenti li permezz tal-provi mressqa minnha tikkonvinci lil dina l-Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess rikorrenti qeghda taghmel fil-konfront tal-assenti intimat huma fondati;*

2. *Illi l-esponenti f'dan l-istadju tiddikjara li m'ghandhiex konoxxenza tal-fatti ta' dan il-kaz ghaldaqstant qeghda tirriserva d-dritt li tressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk hija issir konoxxenti ta' fatti relatati ma dan il-kaz.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kas;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici YM xehdet nhar il-25 ta'Marzu 2019** ***(vide fol 29 et seq)*** fejn spjegat illi hija qieghda titlob ghas-separazzjoni peress li zewgha telaq minn Malta, u li qabel ma telaq, ta xebgha kbira. Filwaqt li tikkonferma illi huma zzewgu fis- 17 ta'Mejju 20217, tixhed illi wara xahrejn beda l-inkwiet. Izzid illi l-intimat ma riedx imur jahdem, beda jigdbilha, u meta kienet tghidlu xi haga, kien jerfa' jdejh fuqha jew itihilha f'wiccha. Meta kien jghidilha li ser imur ifittex xoghol, ma kienx ikun minnu, u tal-familja taghha kienu jarawh jiehu café'. Filfatt tirrileva illi qatt ma gab paga d-dar, u li qatt ma kien ragel tal-familja. Tistqarr ukoll illi l-intimat mar jghix ma' ragel iehor ma' min kellu relazzjoni intima. Tispjega illi dan kollu gara wara sitt xhur miz-zwieg, meta telaq ghal kollox mid-dar matrimonjali fil-Hamrun, u filfatt kien f'dan l-istadju li skopriet li zewgha kien qieghed jghix ma'dan ir-ragel. Izzid illi ftit qabel ma telaq mid-dar matrimonjali ghal kollox, kien ta xebha kbira. Kellhom argument shun ilghaliex l-intimat ma kienx ikun ix-xoghol, ghalhekk kienet ghamlet rapport mal-pulizija u kienu l-pulizija li sabu li l-intimat kien qieghed joqghod Bormla. Tispjega ukoll illi darba minnhom kien gie d-dar fit-3:30 ta'filghodu flimkien mal-partner tieghu ghaliex ried jidhol ghandha. Tirrileva illi hi cemplet lill-pulzija u dawn qalulha biex ma ddahhlux u filfatt l-intimat kien telaq. L-attrici tirrileva illi bejn il-perjodu li hija ghamlet ir-rapport, u d-data tas-seduta tad-distrett, l-intimat kien lahaq gie ddeportat. Dan sehh fit-31 t'Awwissu 2018. Izzid illi minn dak iz-zmien l'hawn, qatt ma kien hemm kuntatt bejnithom. Kompliet tixhed illi l-intimat kien serqilha xi elf u hames mija mid-dar li kienu merfughin peress li kellha bzonn thallas xi haga u anke serqilha xi deheb u li kienet ghamlet rapport tal-Pulizija dwar dan pero ma sabulu xejn.

In **kontro-ezami,** l-attrici tirrileva illi hi u l-intimat kienu iltaqghu fuq facebook, u kienu ghamlu madwar erba' (4) xhur jitkellmu fuq facebook. Illi sussegwentement hi telghat hdejh Tunez fejn kienu ghamlu xahar biex tara x'isarraf u filfatt izzewgu Tunez u z-zwieg gie registrat Malta. L-attrici tirrileva illi hija ghandha sitta u sittin (66) sena filwaqt li l-intimat kellu hamsa u tletin (35) sena. Izzid illi hi ma kienitx tahdem peress li kienet diga bil-penzjoni. Tikonferma illi l-intimat ma kienx imur ghax-xoghol, tant li darba minnhom kien qalilha li mar ghamel xi jumejn xoghol ma'persuna, u dan l-imghallem kien cempilha biex jghidilha li l-

intimat ma jridx jahdem, u li vera ghazzien u li kien igib skuzi b'daharu mentri lilha qatt ma kien qalilha xejn b'dan. Darba minnhom kien gab xi mitt ewro u fuqhom, u meta saqsitu minn fejn gabhom qalilha li mix-xoghol. Hi cemplet fejn kien mar jahdem u dan kien qalilha li huma ma kienux halsuh. L-attrici tinnega li kienet hi li sawtet lill-intimat, u li kienet targumenta mieghu ghaliex l-intimat kien jaghmel granet shah bilqghda fuq is-sufan inaddaf difrejh. Tispjega illi kienet hi li sabitlu l-ewwel xoghol, li kien l-Imriehel ma' tas-sapun, fejn kien ghamel madwar xahar, izda imbaghad keccewh ghaliex ma kienx ikun irrid jerfa' l-kaxxi l-kbar. Tikkonferma illi minhabba dan kellhom argument kbir beda jghidilha li hi zzewwgitu biex jitmahha u jmantniha. L-attrici sostniet li l-intimat telaq meta qabad mal-partner tieghu.

Taghmel referenza ghall-episodju meta l-intimat kien hareg mid-dar xit-8:00 ta' filghodu u rritorna lura xid- 9:00 ta' filghaxija, u qalilha li kien waqa mis-sellum fuq ix-xoghol, u haditu il-clinic il-Furjana u minn hemm baghtuh il-Mosta biex jaghmel X-Ray, illi pero ma kienu sabulu l-ebda ksur. Tixhed illi t-tabib kien taghha x'tifhem illi l-intimat ma kellu xejn u infaxxawlu idu biex ma joqghodx jeqred bl-allegat ugih li kellu. Izzid illi f'temp ta'sitt (6) xhur l-intimat kellu sittax – il impjieg differenti. Tirrileva illi meta cemplet lill-Imghallem biex tara kif kien waqa', din il-persuna ma kienitx taf minn hu l-intimat. Illi pero' l-ghada kienet marret ghand bintha flimkien mal-intimat, u l-intimat kien qal lil wiehed min-neputijiet tal-attrici illi kien iggieled ma' xi hadd u biex ma jikxfux mal-attrici.

**CM prodotta mill-attrici xehdet nhar id-19 ta' Frar 2020 (vide fol 44 et seq),** bint l-attrici, tispjega illi hija taf lill-intimat tramite ommha, u li kienet tiltaqa' mieghu. Tirrileva illi l-intimat qatt ma ried jahdem u li kien jigdeb. Izzid illi ghalkemm kien imur jahdem, kien jieqaf wara madwar gimgha. Mistqosija kemm il-xoghol biddel, tindika illi kien biddel diversi. Tindika illi hija kienet tafu mill-bidu net ghaliex ommha harget mieghu, kienet qaltilhom bih u li possibbilment ommha zzewgitu xi sentjen ilhu. Tishaq illi flus id-dar ma kienx igib u li l-finanzi kienet tiehu hsiebhom ommha. Tispjega illi l-intimat kien ragel giddieb, tant li meta huma kienu jistaqsuh fuq hajtu f'Tunez, biex isiru jafuh iktar, darba kien qalilhom li kien jahdem bhala waiter, izda kienu ndunaw li lanqas biss kellu idea ta' x jinvolvi x-xoghol ta'waiter. Di piu', meta kienu jitkellmu mieghu fuq il-familja, kien ibiddel il-verzjoni tar-rakkonti tieghu. Rigward l-eta tal-intimat, izzid illi darba kien qalilhom li kellu sebgha u ghoxrin (27) izda fil-verita' ma tafx ezatt. Tirreferi ghal episodju iehor meta bintha C kienet cemplitilha u qaltilha li l-intimat kien qieghed isawwat lill-ommha, u kienet qaltilha biex tigi. Tirrileva illi ommha kienet qaltilha li kienet ghamlet rapport mal-pulizija.

**MM prodotta mill-attrici xehdet nhar id-19 ta' Frar 2020 (vide fol 48 et seq)** tixhed illi hija habiba tal-attrici u kienet saret taf lill-attrici minn fuq ix-xoghol. Tirrileva illi l-intimat kien bniedem ghazzien u ma kienx ikun irrid jahdem, u li darba minnhom kienet ratu jsawwat lill-attrici. Tispjega illi l-attrici kienet ratlu xi haga f'idejh u qabditu filfatt li kien serqilha l-flus. X'hin qaltlu li ser iccempel lit-tifel, imbuttaha, u imbaghad beda joqrosilha sidirha. Hi bdiet tghidlu li ser iweggaha ghaliex kienet prezenti. Izzid illi kien ragel giddieb u filwaqt li lill-attrici kien jghidilha li sejjer ghax-xoghol kien imur f'xi gnien jiskarta. Ix-xhud tixhed illi hija kienet tkun id-dar tal-attrici u li l-intimat ma kienx jghin fid-dar. Tirrakonta illi darba kien sewwa xi katusa tal-attrici, u kien wahhal il-kolla kontra s-sengha.  Izzid illi finanzjarjament ma kienx jghinha lill-attrici. Tirrileva ukoll illi darba hija kienet selfitu elfejn ewro, izda qatt ma tahomlha lura. Illi dawn il-flus kellhom jintuzaw biex huwa jigi Malta. Rigward kazijiet ta'serq, ix-xhud tispjega illi hi taf li darba kien seraq lill-attrici.

**L-Ispettur Roderick Attard, prodott mill-attrici xehed nhar l-20 ta'Jannar 2021 (vide fol 80 et seq)**, u filwaqt li pprezenta tlett rapporti, spjega illi wiehed minn dawn ir-rapporti filwaqt jinvoli slight bodily harm fi vjolenza domestika, l-ohrajn kienu ta' natura civili.

In **kontro-ezami,** jispjega illi fir-rigward ta'rapport minnhom, u cioe dak tal- 1 t'Awwissu 2018, l-intimat kien gie mitkellem mill-pulizija, u kienu inhargu akkuzi fil-konront tieghu. Izid illi l-intimat ma kienx tressaq taht arrest illi pero dwar d-deportazzjoni ma kellu l-ebda informazzjoni.

**L-Ispettur Hubert Gerada, prodott mill-attrici xehed nhar it- 3 ta'Gunju 2021 (vide fol 98 et seq)** spjega illi l-intimat kien applika ghall-permess ta'residenza bhala persuna ezenti permezz ta'applikazzjoni li kienet idahhlet fil-24 ta'Novembru 2017, liema applikazzjoni giet revokata fit-2 t'Awwissu 2018, stante lill-partijiet ma kienux ghadhom jghixu flimkien. Izid illi fil-31 ta'Mejju 2017 kien gie mit-Tunezija, fil-11 ta' Settembru 2017 kien hareg minn Malta u mar it-Tunezija. Fl- 20 ta'Settembru 2017 rega dahal lura Malta mit-Tunezija. Fit- 18 ta'Marzu 2018 hareg ghat-Tunezija u rega dahal fil-25 ta' Marzu 2018 mit-Tunezija. Illi l-ahhar moviment kien fil- 31 ta'Awwissu 2018 fejn hareg minn Malta u ma jidhirx li hemm movimenti ohra. Ix-xhud izid illi jekk persuna tidhol minn pajjiz Schengen na jkollhomx indikazzjoni tal-moviment taghhom u li movimenti l-ohra ikunu jindikaw movimenti minn pajjizi non-Schengen.

**Karen Cremona, rapprezentanta minn Transport Malta, xehdet nhar l-1 ta'Gunju 2021 quddiem l-assistenza gudizzjarja Dr Mandy Carabott (vide fol 101 et seq)** u spjegat illi mir-ricerki li saru jirrizulta illi l-attrici m'ghandha l-ebda vetturi registrati fuq isimha fil-prezent b'dana illi fil-passat kellha zewg vetturi registrati f'isimha. Illi fir-rigward tal-intimat, ix-xhud indikat illi huwa ma kellu l-ebda vetturi la fil-passat u lanqas fil-prezent li kienu registrati fuq ismu.

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza ta' separazzjoni personali wara talba maghmula mir-rikorrenti, li tikkontendi li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat minhabba, abbandun, eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi kommessi minnu kontra taghha.

Fir-rigward ta' eccessi intqal illi dawn huma:

> ***"tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni Rik.nru: 265/2018 JPG 10 misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge". Baudry Lacantinerie jghallem illi "Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima."***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 1999, u citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> ***"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal strataġemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili".***

Fir-rigward ta' sevizzi imbaghad, dawn gew definiti bhala:

> ***"dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."3 Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi "Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione". 4 Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

Jinsab ritenut illi:

> ***"…mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjuġġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodiċi ivili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o 1 Fadda, Giurisprudenza, Art.150, para. 214. 2 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. 3 Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius, Qorti tal-Appell Civili, deciza 10 ta' Dic cembru 1951. 4 Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35. Rik.nru: 265/2018 JPG 11 l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."***

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-***ismijiet Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

> ***"Dan il-komportament abitwali [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 talKodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-***

> ***konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili."***

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marthese Vella pro et noe vs George Vella*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi:

> ***"l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet AB vs CB deciza fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendieh hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

L-abbandun huwa motiv ghas-separazzjoni fil-Ligi Maltija u fil-fatt, l-artiklu 41 tal-Kodici Civili jistipula s-segwenti:

> ***Kull wahda mill-partijiet mizzewga tista' wkoll titlob il-firda jekk ghal sentjen jew izjed, tkun abbandunata mill-ohra, minghajr raguni tajba.***

Kemm mid-dicitura tal-artikolu u wkoll minn gurisprudenza kostanti taghna jirrizulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bhal din tirnexxi huma tnejn, u cjoe' l-abbandun jipperdura ghal sentejn jew izjed, u li l-abbandun isehh minghajr raguni tajba. Fil-*kawza* ***Andrea Avellino vs. Regina Avellino***[1], insibu definizzjoni cara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal:

[1] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar is- 16 ta' Dicembru 1949.

> ***Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall- ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriccuz u mhux gustifikat minn xi motiv ragjonevoli.***

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Josephine Anne Edwards vs. Avukat Dr. Joseph Xuereb noe**,[2] fejn il-Qorti sostniet illi:

> ***Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet izzewgu nhar is- 17 ta'Mejju 2017 gewwa t-Tunezija, liema zwieg sussegwentement gie registrat ir-Registru Pubbliku ta' Malta, u dana kif jidher mic-certifikat taz-zwieg esebit in atti a fol 8. Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet ma kellhomx tfal.

Illi mill-atti jidher illi l-partijiet kienu iltaqghu fuq facebook u wara li kienu ghamlu xi erba xhur jitkellmu fuq dan is-sit, l-attrici kienet marret it-Tunezija fejn ghamlet xahar mal-intimat, b'dana illi zzewgu ftit wara t-Tunezija stess. Illi wara z-zwieg il-partijiet gew lura Malta, u kienu jirrisjedu gewwa l-Hamrun go fond li tikri l-attrici. Illi z-zwieg tal-partijiet kien wiehed relattivament brevi, u jidher li llum l-intimat gie deportat lura pajjizu, b'dana illi l-intimat kien assenti tul il-mori tal-proceduri.

[2] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar it-22 ta' Frar 1961.

Illi mill-atti jidher illi l-intimat fil-medjazzjoni bin-numru 679/2018 kien assistit mill-abbli kuratur deputat Dr Fransina Abela, illi pero' jidher li l-intimat qatt ma attenda ghas-seduti ta' medjazzjoni, u jirrizulta li minkejja li jidher li kien gie redatt abbozz, kif jirrizulta mid-dokumentazzjoni annessa man-nota datata 3 ta'Novembru 2021 prezentata mill-istess Dr Fransina Abela, dan l-abbozz qatt ma gie ffirmat wisq anqas ppubblikat.

***Htija Ghat-Tifkrik taz-Zwieg***

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed titlob illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali tal-partijiet, ghal ragunijiet unikament imputabbli lil intimat. Il-Qorti rat illi l-kuraturi deputati ghajr ghan-nota datata 3 ta'Novembru 2021 li permezz taghha gew esebiti numru ta' dokumenti, ma pproducew l-ebda provi ulterjuri. Illi ghalhekk il-gudizzju ta' din il-Qorti huwa msejjes fuq il-provi prodotti.

Illi wara ezami akkurat tal-provi prodotti, il-Qorti tqis li l-intimat izzewweg lill-attrici bl-iskop illi jitlaq minn pajjizu u jikseb cittadinanza Maltija. Mix-xhieda tal-attrici rrizulta b'mod car illi l-attrici, li kienet ta' eta' aktar matura kuntrarjament ghall-intimat li kien ghadu izghar, kienet qieghda tezigi illi l-intimat johrog jahdem biex jipprovdi ghall-familja. Effettivament kien l-intimat li abbanduna l-fond matrimonjali wara biss sitt (6) xhur mid-data taz-zwieg. Illi filfatt mix-xhieda tal-Ispettur Hubert Gerada jirrizulta illi l-intimat hareg minn Malta fil- 31 ta'Awwissu 2018, tant li kif tixhed l-attrici, meta telghu ghas-seduta tad-Distrett wara r-rapport li hija ghamlet mal-Pulizija, kienet hi li nfurmathom li l-intimat gie deportat. Dan il-fatt huwa ukoll korraborat mill-emails esebiti mill-Kuratur Deputat Vide DOK FA3 u DOK FA4.

Illi mill-atti processwali u l-provi prodotti, il-Qorti tqis li ma rrizultat l-ebda raguni valida li tiggustifika l-abbandun kommess mill-intimat b'mod specjali meta wiehed jifhem li l-intimat kien gja qabad relazzjoni intima ma ragel iehor u dana biss ftit xhur wara z-zwieg.

Ghalhekk, wara li ezaminat il-provi kollha, il-Qorti tqis illi jirrizulta sodisfacentement pruvat illi l-intimat abbanduna id-dar matrimonjali minghajr raguni tajba, u ghalhekk huwa responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg tal-partijiet ai termini tal-Artikolu 41 tal-Kodici Civili.

Illi mill-provi jirrizulta illi dak allegat mill-attrici fir-rigward ta' vjolenza domestika gie korraborat miz-zewg xhiedha, bint l-attrici u cioe CM u minn habiba taghha, MM. Il-Qorti rat ukoll ir-rapporti tal-Pulizija li saru mill-attrici fil-konfront tal-intimat.

Apparti dan kollu, il-Qorti rat ukoll illi mix-xhieda tar-rikorrenti jirrizulta illi l-intimat ma kien jikkontribwixxi xejn lejn il-htigijiet tal-familja stante li qatt ma kien jibqa' f'impjieg ghal aktar minn zmien qasir hafna. Il-Qorti taghraf illi dan huwa ksur tad-doveri tal-intimat bhala konjugu.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-intimat huwa unikament hati tat-tifrik taz-zwieg tal-partijiet u dana kawza tal-abbandun,l-eccessi, s-sevizzi u l-ingurji gravi kommessi minnu fil-konfront tal-attrici.

Il-Qorti rat illi skont l-artikolu 51 tal-Kodici Civili:

> "***Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ,għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu."***

Is-separazzjoni personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, skond id-dispozzijonijiet tal-Kodici Civili, iġibu magħhom, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taz-zwieġ ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. Fil-każ odjern, din il-Qorti hija tal-fehma li l-intimat huwa ħati ta' abbandun u għaldaqstant il-Qorti m'għandha l-ebda diskrezzjoni għajr li tapplika fil-konfront tiegħu s-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

***Komunjoni tal-Akkwisti:***

Il-Qorti rat illi l-attrici ghamlet talba biss ghal separazzjoni personali. Fl-atti ma hemm ebda talba ghal xoljiment jew divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti pero taghraf illi n-

nuqqas ta' xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, tista tippregudika serjament lill-attrici fil-futur kemm-il darba l-intimat jerga jirritorna Malta u jippretendi nofs il-gid li l-attrici tkun ghamlet bil-hila taghha mid-data tas-separazzjoni 'l quddiem. Il-Qorti rat illi l-Legislatur Malti pero, haseb ukoll ghal tali cirkostanza. Infatti, l-Artikolu 1332 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid is-segwenti:

***(1) Il-qsim ġudizzjarju ta' beni jista' jiġi dikjarat –***

***(a) ma' l-interdizzjoni jew l-inkapaċità ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ; jew***

***(b) meta s-sitwazzjoni diżordinata ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ jew l-imġieba tagħha dwar l-amministrazzjoni tal-akkwisti tipperikola l-interessi tal-komunjoni tal-akkwisti, jew tal-familja jew tal-parti li titlob il-qsim ġudizzjarju tal-beni; jew***

***(ċ) meta waħda mill-partijiet fiż-żwieġ tonqos sostanzjalment fid-dmir li tagħti sehemha għall-ħtiġiet tal-familja skont l-artikolu 3; jew***

***(d) meta waħda mill-partijiet fiż-żwieġ tkun ġiet eskluża mill-amministrazzjoni skont l-artikolu 1325, jew b'mod ġenerali jew sostanzjalment; jew***

***<u>(e) mal-firda legali tal-miżżewġin.</u>***
(enfasi ta' din il-Qorti)

F'kawzi ta separazzjoni fejn ikun hemm in-nuqqas ta talba preciza ghal-xoljiment u divizjoni, il-gurisprudenza Maltija irriteniet is-segwenti:

***Dwar il-Komunjoni tal-Akkwisti:***

***L-attriċi titlob biss il-likwidazzjoni u l-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti, mingħajr ma titlob ukoll ix-xoljiment tagħha. Minkejja dan, il-Qorti tħoss illi***

*jkun xieraq u opportun illi xxolji l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u dana bis-saħħa tal-Artikolu 1332 (1)(e) tal-Kapitolu 16 ta' Liġijiet ta' Malta u wkoll bis-saħħa tal-ħames talba tal-attriċi fejn hija talbet lill-Qorti tagħti dawk l-ordnijiet u ddirettivi oħra li l-Qorti jidhrilha xierqa. Għaldaqstant bis-saħħa tal-preżenti, il-Qorti qiegħda tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B.*

*Illi l-attriċi tiddikjara illi l-partijiet m'akkwistaw xejn fiż-żwieġ – la propjeta` immobbli, la kontijiet bankarji u lanqas vetturi. Illi għaldaqstant ma hemm xejn li jeħtieġ jiġi likwidat, diviż u assenjat u fil-fatt il-Qorti m'hijiex ser tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba tal-attriċi.*[3]

Din il-Qorti rat illi jidher li fil-kas odjern ma hemm ebda assi li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti li ghadha operattiva bejn il-partijiet. Mix-xhieda tal-attrici jirrizulta illi d-dar fejn kienu jabitaw il-partijiet wara z-zwieg hija okkupata taht titolu ta' kera.

Ulterjorment mix-xhieda tar-rapprezentata ta' Transport Malta, jidher illi sad-data tat-testimonjanza in kwistjoni, ma hemm l-ebda vetturi registrati fuq isem il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-intimat; u tawtorizza lill-attrici sabiex tghix separatament minn ma' zewgha u tawtorizza taghmel l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens, intervent u/jew awtorizzazzjoni tal-konvenut nomine; Tapplika kontra l-intimat in toto l-effetti tal-Artikolu 48 u 51 sa 55 tal-Kodici Civili u tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali hekk kif mahsub fl-istess artikoli;**

2. **Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti bis-segwenti mod:**

---

[3] ***A B f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri I B nominata b'digriet tal-Qorti tas-16 ta' Gunju, 2016 vs C B u b'digriet tal-1 ta' Dicembru, 2017 l-Avukat Dr Patrick Valentino u il-PL Daniel Aquilina gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C B, Deciza: 5/12/2018.***

i. **Tordna illi kwalunwke assi, kemm mobbli u kif ukoll immobbli, huma assenjati lil dik il-parti li f'isimha jkunu intestati;**
ii. **Tordna illi kwalunkwe kontijiet bankarji ezistenti huma assenjati lil dik il-parti li f'isimha jkunu intestati, b'dana illi kull parti ghandha tkun responsabbli ghal kwalunwke dejn intestat f'isimha, bi dritt ta' rivalsa fil-kaz illi jkollha taghmel tajjeb ghal xi dejn intestat lil parti l-ohra;**
iii. **Tordna illi kwalsiasi dejn li possibbilment setgha gie kontrattat minn parti jew ohra, ghandu jkun a karigu ta' dik il-parti li tkun ikontrattatu.**

3. **Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku.**

**L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu tal-intimat.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**